# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2025.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1023/06/1 AF**

**Stephen Magri u għal kull interess illi jista' jkollha Mary Grace Magri Gatt**

**v.**

**Magri and Zammit Holdings Limited (C-23659), Magri and Zammit Operations Limited (C-13194), Magri and Zammit Retail Limited (C-26826), Emanuel *sive* Noel Magri, Anthony u Celine miżżewġin Magri u b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Ġunju 2009 qed jiġu kjamati fil-kawża Dr. Louis Cassar Pullicino u Dr. Tiziana Filletti bħala ko-stralċjarji tas-soċjetajiet intimati**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell tal-atturi minn provvediment mogħti

mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ottubru 2021 sabiex bit-tħaddim tal-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji** jiġu mħarsa l-interessi tagħhom bħala azzjonisti kontra preġudizzju mhux ġust.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-10 ta' Novembru, 2006, l-atturi Stephen Magri u Mary Grace Magri Gatt fissru li huma flimkien bejniethom għandhom terz tal-azzjonijiet fil-kumpaniji Magri and Zammit Holdings, Magri and Zammit Operations Limited u Magri and Zammit Retail Limited, minbarra li l-attur Stephen Magri huwa wkoll soċju f'sehem ta' terz fis-soċjetà *en nom collectif* Magri and Zammit. Min-naħa l-oħra l-intimati Emanuel *sive* Noel Magri u Anthony u Celine miżżewġin Magri huma azzjonisti u membri taż-żewġ terzi l-oħra.

3. L-atturi jallegaw li għalkemm Stephen Magri huwa direttur ta' dawn is-soċjetajiet, madankollu d-diretturi l-oħra Emanuel u Anthony Magri qegħdin iwarrbuh mit-tmexxija ta' dawn is-soċjetajiet u dan bi ħsara għalih kemm bħala direttur kif ukoll bħala azzjonist minoritarju.

4. Minbarra dan, l-atturi jixlu wkoll lill-intimati Emanuel u Anthony Magri: (i) li ħadu flejjes minn dawn is-soċjetajiet, b'mod partikolari mill-kumpanija Magri and Zammit Operations Limited, bla ma taw xejn lil

Stephen Magri; (ii) li għamlu *draw down* ta' self tal-kumpanija Magri and Zammit Operations Limited sabiex jieħdu l-flus għalihom personali; (iii) li qegħdin jirrifjutaw li jħallsu s-salarju u r-rimunerazzjoni lil Stephen Magri bħala direttur; (iv) li b'mod individwali qegħdin direttament jew indirettament jagħmlu negozju li huwa f'konkorrenza mas-soċjetajiet intimati, u dan waqt li fl-istess ħin qegħdin jagħmlu l-operazzjoni u t-tmexxija tan-negozju tas-soċjetajiet intimati diffiċli u dan mingħajr ma jagħtu rendikont proprju tal-aġir tagħhom lill-attur Stephen Magri; (v) li qegħdin iżommu relazzjonijiet u korrispondenza mal-fornituri tas-soċjetajiet intimati jew li tagħhom is-soċjetajiet intimati huwa *franchisees* jew aġenti, bl-iskop li eventwalment jieħdu dawn id-ditti meta s-soċjetajiet intimati ma jkunux f'qagħda aktar li joperaw; (vi) li qegħdin iżommu lill-attur Stephen Magri fid-dlam dwar dawn ir-relazzjonijiet u korrispondenza; (vii) li qed jagħmlu użu mill-ġid u mir-riżorsi tas-soċjetajiet intimati għall-iskopijiet personali tagħhom; u (viii) li daħlu wkoll f'konvenji ma' terzi biex jiddisponu mill-proprjetà tas-soċjetajiet intimati, b'mod partikolari l-ħanut 18, f'Tower Road, Tas-Sliema magħruf ukoll bħala *Sasch*, u l-appartament li hemm fuqu.

5. L-atturi jsostnu li Emanuel u Anthony Magri qegħdin jagħmlu dan kollu sabiex iġiegħlu lill-attur Stephen Magri sabiex jersaq għad-diviżjonijiet tas-soċjetajiet intimati.

6. Billi skont l-atturi jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji** huma talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara li l-affarijiet tas-soċjetajiet intimati qed jitmexxew b'mod li huma jew aktarx li huma oppressivi, b'mod mhux ġust u diskriminarorji kontra r-rikorrenti, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju għar-rikorrenti jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali.*

*2. Tagħti dawk l-ordnijiet taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportuni, prevja dikjarazzjoni li dan ikun ġust u ekwu, u ċjoè:*

*i. Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati u lill-intimati in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrenti dik is-somma li dina l-Onorabbli Qorti għandha tillikwida u li tirrappreżenta dawk il-flus u ħlasijiet li l-intimati Emanuel u Anthony Magri ħadu jew tħallsu mis-soċjetajiet intimati, direttament jew indirettament, ad esklużjoni tal-esponenti Stephen Magri, kompriżi salarji, rimunerazzjoni ta' direttur, drawings u ħlasijiet oħra li l-istess intimati Emanuel u Anthony Magri ħadu jew tħallsu direttament jew indirettament mis-soċjetajiet intimati, jew li l-istess intimati Anthony u Emanuel Magri jirrifondu l-istess ħlasijiet lis-soċjetajiet intimati;*

*ii. Tordna lill-intimati Emanuel u Anthony Magri sabiex jiddeżistu milli fil-prattika jeskludu lir-rikorrenti mill-amministrazzjoni u parteċipazzjoni fl-amministrazzjoni tas-soċjetajiet intimati;*

*iii. Tordna lill-intimati Emanuel u Anthony Magri jagħtu rendikont ta' dak kollu li għamlu minn wara dahar ir-rikorrenti fil-ġestjoni tan-negozju u affarijiet tas-soċjetajiet intimati;*

*iv. Tinibixxi lill-intimati Anthony Magri u Emanuel Magri milli individwalment jew permezz ta' terzi persuni, anki jekk prestanome jew fiduċjarji, jew permezz ta' kumpaniji oħra jagħmlu negozju f'konkorrenza mas-soċjetajiet intimati;*

*v. Tinibixxi lill-intimati Anthony Magri u Emanuel Magri milli direttament jew indirettament jużaw flus, jew beni tas-soċjetajiet intimati a benefiċċju personali tagħhom, kemm jekk dirett kif ukoll jekk indirett;*

*vi. Tinibixxi lill-intimati milli jiddisponu mill-beni, mobbli jew immobbli (ad esklużjoni ta' trading stock fin-negozju normali tas-soċjetajiet) jew milli jagħmlu alterazzjonijiet strutturali jew jawtorizzaw it-twaqqigħ u bini mill-gdid ta' proprjetà immobbiljarji tas-soċjetajiet intimati u in partikolari in rigward tal-ħanut 18, Tower Road, Sliema magħruf ukoll bħala Sasch u l-appartament sovrastanti;*

*vii. Tordna illi kull ammont ta' flus li għandu jitħallas mis-soċjetajiet għandu jkun awtorizzat mid-diretturi kollha tas-soċjetajiet, u jekk hemm bżonn billi din il-Qorti tordna dawk l-emendi għall-Memorandum and Articles of Association ta' kull soċjetà intimata f'dan is-sens u għal dan l-iskop;*

*viii. Tordna illi kull negozju tas-soċjetajiet intimati (ad esklużjoni tan-negozju ta' kull jum) jiġi approvat mid-diretturi f'laqgħa formali tad-diretturi*

*tas-soċjetajiet intimati, u jekk hemm bżonn billi din il-Qorti tordna dawk l-emendi għall-Memorandum and Articles of Association ta' kull soċjetà intimata f'dan is-sens u għal dan l-iskop, u li l-intimati Anthony u Emanuel Magri jagħtu rendikont ta' kull negozju li jkun sar lid-diretturi f'laqgħa formali tal-istess diretturi;*

*ix. Tiddikjara illi l-intimati Emanuel u Anthony Magri aġixxew b'mod abbużiv kontra l-obbligi tagħhom bhala diretturi tas-soċjetajiet intimati kif ukoll kontra l-interessi u drittijiet tal-esponenti bħala azzjonista u direttur minoritarju fis-soċjetajiet intimati;*

*x. Tiddikjara lill-intimati Emanuel u Anthony Magri responsabbli għad-danni li huma kkaġunaw lis-soċjetajiet intimati bl-aġir tagħhom (kompriżi danni minħabba konkorrenza żleali) kif ukoll għal dawk id-danni li r-rikorrenti sofrew minħabba li l-intimati Emanuel u Anthony Magri aġixxew kontra d-drittijiet u interessi tal-esponenti bħala azzjonist u direttur minoritarju fis-soċjetajiet intimati kif ukoll minħabba li l-intimati Emanuel u Anthony Magri mexxew lis-soċjetajiet b'mod li huma jew aktarx li huma oppressivi, b'mod mhux ġust u diskriminatorji kontra r-rikorrenti, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju għar-rikorrenti jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali;*

*xi. Tillikwida dawn id-danni, kemm dawk dovuti lis-soċjetajiet intimati kif ukoll dawk dovuti lir-rikorrenti;*

*xii. Tikkundanna lill-intimati Emanuel u Anthony Magri jħallsu lis-soċjetajiet intimtati u lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati u dikjarati dovuti lis-soċjetajiet intimati u lir-rikorrenti individwalment.*

*B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti kontra l-intimati individwalment.»*

7. Il-konvenuti Emanuel *sive* Noel Magri, Anthony Magri u Celine Magri daħħlu risposta maħlufa waħda fit-30 ta' Marzu, 2023 fejn wieġbu hekk:

*«Fl-ewwel lok jinġieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi permezz ta' deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-1 ta' Frar 2008, ara r-Rikors Numru 619/03 RCP fl-ismijiet "***Emanuel sive Noel Magri v. Magri & Zammit Holdings Limited et***", li kkonfermat dak preċedentement deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 2007 fil-konfront tat-tliet soċjetajiet konvenuti Magri and Zammit Holdings Limited, Magri and Zammit Operations Limited u Magri and Zammit Retail Limited, ġie ordnat ix-xoljiment tal-istess tliet soċjetajiet, u llum hemm nominati bħala stralċjarji tagħhom l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino u l-Avukat Dottor Tiziana Filletti.*

*F'dawk il-proċeduri kienu parti wkoll l-atturi odjerni Stephen u Mary Grace konjuġi Magri, oltre l-imsemmija soċjetajiet u l-eċċipjenti, u għalhekk din is-sentenza llum tikkostitwixxi ġudikat fil-konfront tagħhom.*

*Mill-premess isegwu s-segwenti konsiderazzjonijiet.*

*1. Illum ir-rappreżentanza ġuridika tal-imsemmija tliet soċjetajiet li jinsabu fi stat ta' stralċ hi vestita fil-persuna tal-istralċjarji tagħhom, Dottor Cassar Pullicino u Dottor Filletti. Ma jirriżultax li dawk is-soċjetajiet qatt ġew notifikati bil-proċeduri odjerni u għalhekk jinħtieġ li llum l-istralċjarji jiġu notifikati sabiex ikunu jistgħu jressqu ir-risposta tagħhom.*

*2. Illum ukoll, in vista tal-imsemmi ġudikat, it-talbiet tal-atturi identifikati fir-Rikors Ġuramentat tagħhom bl-ittra (a) u bl-ittra (b) i, ii, iii, v, vi, vii u viii jinsabu eżawriti u din l-Onorabbli Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom.*

*3. It-talbiet rimanenti tal-atturi identifikati fir-Rikors Ġuramentat tagħhom bl-ittra (b) iv, ix, x, xi u xii, in quanto diretti kontra l-eċċipjenti, huma għalkollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*4. B'hekk l-azzjoni tal-atturi konjuġi Magri għandi tiġi miċħuda għalkollox, bl-ispejjeż kontrihom.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.»*

8. Fis-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2009 ġew imsejħa fil-kawża l-avukati Louis Cassar Pullicino u Tiziana Filletti bħala stralċjarji tas-soċjetajiet intimati u għad li dawn ġew notifikati bir-rikors maħluf, dawn għażlu li ma jwieġbux għalih.

9. Fil-11 ta' Ottubru, 2021, l-Ewwel Qorti tat dan il-provvediment li ġej:

*«Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża li saret abbażi tal-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Ir-rikorrenti huma azzjonisti tas-soċjetajiet intimati flimkien mal-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony u Celine konjuġi Magri. Ir-rikorrent flimkien ma' ħutu l-intimati Noel u Anthony Magri huma wkoll diretturi.*

*Ir-rikorrenti ppreżentaw din il-kawża għaliex jgħidu li l-affarijiet tas-soċjetajiet intimati qed jitmexxew b'mod li huma jew aktarx li huma oppressivi, b'mod mhux ġust u diskriminatorju kontrihom jew b'mod mhux ġust bi preġudizzju għalihom jew b'mod li jkun kontra l-interessi tal-membri*

*in ġenerali. Huma għalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex tagħti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni skont l-artikolu 402 tal-Kap. 386.*

*Madanakollu, jirriżulta li minn dakinhar li ġie ppreżentat ir-rikors fl-2006 sakemm ġiet ippreżentata r-risposta ta' Noel Magri u ta' Anthony u Celine miżżewġin Magri fl-2009, ġiet deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2008 il-kawża bin-numru 619/03 fl-ismijiet* ***Emanuel sive Noel Magri vs Magri & Zammit Holdings Limited, Magri & Zammit Operations Limited, Magri & Zammit Retail Limited, Anthony u Celine konjuġi Magri u Stephen u Mary Grace konjuġi Magri*** *li kkonfermat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn ġie ordnat, skont id-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu 402 tal-Kap. 386, li s-soċjetajiet intimati jiġu xolti u dan għaliex il-Qorti sabet li kien hemm raġunijiet gravi biżżejjed sabiex jiġġustifikaw tali xoljiment. Il-Qorti ħatret lil Dr. Tiziana Filletti bħala stralċjarju u jirriżulta li f'xi stadju ġie maħtur ukoll Dr. Louis Cassar Pullicino.*

*Dan ifisser li kif sewwa jeċċepixxu l-intimati Magri, għar-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, il-mertu huwa llum eżawrit. Huwa wkoll eżawrit il-mertu għal dak li għandu x'jaqsam mal-maġġor parti tat-tieni talba. Jidher li baqa' biss li tiġi deċiża l-kwistjoni dwar il-kumpens u/jew danni li qed jitolbu r-rikorrenti.*

*Il-Qorti tinnota li l-intimati Magri ma xehdux f'din il-kawża u lanqas ma ressqu eċċezzjonijiet fil-mertu ħlief illi eċċepew illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 jaqraw hekk:*

> *«(1) Kull membru ta' kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu.*
>
> *(2) Meta r-Reġistratur ikun irċieva rapport fuq kumpanija taħt l-artikolu 410 u dan ikun jidhirlu li l-affarijiet tal-kumpanija qed jitmexxew jew ikunu tmexxew b'mod li jaqgħu taħt it-tifsir tas-subartikolu (1), hu jista' jagħmel rikors lill-qorti għall-ħruġ ta' ordni taħt dan l-artikolu.*
>
> *(3) Jekk dwar rikors magħmul skont is-subartikolu (1) jew (2), il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bażat sewwa u li jkun ġust u ekwu li hekk tagħmel, il-qorti tista' tagħmel ordni taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa –*
>
> *...*
>
> *(f) jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni.»*

*F'dan il-każ, diġà ġie stabbilit illi jirriżulta dak previst fis-subartikolu (1). Jonqos li jiġi stabbilit hemmx kumpens jew danni x'jitħallsu lir-rikorrenti. Fil-ktieb tiegħu* **Principles of Maltese Company Law** *(it-tielet volum tat-tieni edizzjoni) f'paġni 1376-1377, l-awtur Professur Andrew Muscat jgħid hekk:*

> *«Under article 402(3)(f), the court is empowered to order "the payment of compensation by such person as may have been found by the court responsible for loss or damage suffered as a result of the act or omission complained of, to the person suffering the said loss or damage". A broadly similar provision is found in the New Zealand Companies Act 1993.*
>
> *Article 402(3)(f) is widely drafted. The order can be made against any person found by the court to be responsible for the loss or damage suffered – such person could, depending on the circumstances, include the company itself or the majority shareholder or the controlling directors. An order for compensation can of course only be made against a person who is party to the proceedings. It may be thought that this provision was not really necessary as the right to claim damages would arise in any case under general principles of civil law. The provision does however serve a useful purpose in that it unequivocally gives the complainant the right, in appropriate cases, to seek compensation in the same article 402 proceedings in which he seeks some other applicable remedy (for example a court order requiring the company to do an act which it had omitted to do).»*

*Jirriżulta li fil-mori tal-kawża, l-istralċjarji ħallsu lir-rikorrent l-ekwivalenti fil-munita Ewro tas-somma ta' Lm32,000 in linea ta' salarji mhux imħallsa u l-ekwivalenti ta' Lm65,000 peress illi l-intimati Noel u Anthony Magri kienu rċevew is-somma ta' Lm130,000 minn loan account favur waħda mis-soċjetajiet intimati.*

*Ir-rikorrenti qiegħed jippretendi l-imgħax fuq dawn iż-żewġ ammonti kif ukoll li jitħallas: i) daqskemm ħadu flus mill-kumpaniji l-intimati Noel u Anthony Magri; ii) l-ispejjeż tal-kawża li kien għamel kontrihom ħuhom ieħor; iii) spejjeż tal-Qorti oħra; iv) kumpens għal telf ta' goodwill; u v) kumpens għall-spejjeż oħra li inkorrew il-kumpaniji minħabba l-aġir ta' Noel u Anthony Magri.*

*Ir-rikorrent ippreżenta affidavit ta' mhux inqas minn sebgħin paġna u sensiela ta' dokumenti bħalma huma l-minuti ta' diversi board meetings tal-kumpanniji. Madanakollu, il-Qorti tqis illi r-rikorrent bl-ebda mod ma ġab prova ta' dak kollu li qed jallega inkwantu li ma ppreżentax imqar dokument wieħed li jikkonferma l-ammonti pretiżi u li juri li verament l-intimati Magri ħadu dawk il-flus kollha mill-kontijiet tal-kumpaniji. Huwa prinċipju bażilari tad-dritt ċivili li min jallega jrid jipprova. Isegwi l-prinċipju illi actor non probante, reus absolvitur. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jġibu prova konklussiva tal-kumpens li jgħidu li huwa dovut lilhom minħabba l-aġir tal-intimati. Ir-rikorrenti jistrieħu fuq sempliċi prospett ippreparat mir-rikorrent Stephen Magri iżda kif diġà ngħad dan il-prospett mhuwiex sorrett bl-ebda prova dokumentarja.*

*Il-Qorti tinnota wkoll li r-rikorrent qed jippretendi kumpens bħall-goodwill u spejjeż oħra li lanqas biss ġew kwantifikati kif ukoll li lanqas ma ntwera xi ness bejn ċerti spejjeż u l-aġir tal-intimati bħal pereżempju l-ispejjeż tal-Qorti inkorsi fil-kawża li kien intavola kontrihom Louis Magri.*

*Fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrent għandu raġun biss dwar l-imgħax fuq is-salarju li ma tħallasx fis-snin 2006, 2007 u 2008 għaliex l-intimati Magri ma ridux jiffirmawlu c-cheques. Dan l-imgħax jammonta għal Lm11,573.33, illum €26,958.61, rappreżentanti l-perjodu minn meta kellu jitħallas sakemm attwalment tħallas. Il-Qorti tqis illi m'għandhiex mis-sewwa t-talba tar-rikorrent għall-imgħax fuq l-imgħax.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi lanqas ma hija ġustifikata t-talba tar-rikorrent għall-imgħax fuq is-somma ta' Lm130,000 li rċevew ħutu minn dak li suppost kellu jkun loan lil waħda mill-kumpaniji intimati. Il-Qorti tinnota li r-rikorrent qatt ma ried illi jieħu flus hu wkoll imma dejjem talab lil ħutu jirritornaw il-flus illi ħadu għaliex skont hu l-aġir tagħhom kien isarraf f'misapproprjazzjoni. Jirriżulta illi huwa ngħata l-istess somma flus li ħadu ħutu mingħand l-istralċjarju meta beda l-proċess ta' stralċ tal-kumpaniji intimati sempliċement biex ikun ħa l-istess somma bħalhom.*

*Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi:*

*1. Tiddikjara li fir-rigward tal-ewwel talba l-mertu huwa eżawrit;*

*2. Tiddikjara li fir-rigward tat-tieni talba, il-mertu huwa eżawrit ħlief għal dak li għandu x'jaqsam mat-talbiet (i), (ix), (x) u (xi);*

*3. Tilqa' t-talbiet (i), (ix), (x) u (xi) sa fejn huwa kompatibbli ma' dak deċiż f'din is-sentenza u dan limitatament billi tikkundanna lill-intimati sabiex in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u ħamsin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€26,958.61) bl-imgħax fuq din is-somma mid-data tas-sentenza.*

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal tliet kwarti mir-rikorrenti u kwart mill-intimati.»*

10. L-atturi appellaw minn dan il-provvediment permezz ta' rikors imressaq fl-10 ta' Novembru, 2021 u talbu lil din il-Qorti tal-Appell: (i) sabiex tibdel dik il-parti tas-sentenza appellata (*recte*: provvediment appellat) fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiddeċiedi l-ewwel talba tagħhom u minflok tilqa' dik l-ewwel talba għaliex skonthom l-istralċ tas-

soċjetajiet intimati ma jnaqqas xejn mill-fatt li Emanuel u Anthony Magri mxew abbużivament kontra l-interessi tal-atturi bħala azzjonisti minoritarji u direttur tas-soċjetajiet intimati; u (ii) sabiex minbarra l-ammonti mogħtija mill-Ewwel Qorti, huma jingħataw ukoll l-imgħax fuq is-somma ta' Lm65,000 għaż-żmien mid-29 ta' Ottubru, 2004 sat-28 ta' Frar, 2012 ekwivalenti għal €151,409.27.

11. L-intimati Anthony u Celine miżżewġin Magri fuq naħa, u Emanuel Magri fuq naħa oħra daħħlu risposta għal rashom fl-istess jum tal-14 ta' Lulju, 2022 u fihom semmew għaliex fil-fehma tagħhom dan l-appell ma jistħoqqlux illi jintlaqa'. Fost ir-raġunijiet imsemmija minnhom hemm ukoll in-nullità tal-appell għaliex jgħidu li huwa magħruf fil-ġurisprudenza li ma jeżistix jedd ta' appell minn provvediment mogħti taħt l-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. L-avukati Louis Cassar Pullicino u Tiziana Filletti bħala stralċjarji tas-soċjetajiet intimati ma wieġbux għall-appell.

12. Minħabba din il-preġudizzjali, din il-Qorti tat digriet skont l-**Artikolu 207(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex l-appell jiġi appuntat ħalli b'hekk ikunu jistgħu jinstemgħu sottomissjonijiet bil-fomm.

13. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Jannar, 2025 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Qabel ma tgħaddi biex tqis l-appell tal-atturi, hemm bżonn li din il-Qorti tindirizza l-preġudizzjali mqajma mill-intimati Magri dwar is-siwi tar-rikors tal-appell, għaliex jekk jinstab li din hija fejjieda, allura l-appell jista' jieqaf hawn.

15. F'din il-preġudizzjali, l-intimati qegħdin isostnu li l-appell tal-atturi għandu jiġi ddikjarat bħala wieħed null għaliex il-liġi ma tagħtix jedd ta' appell minn provvedimenti mogħtija taħt l-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

16. Din il-Qorti tqis li huwa veru li kien hemm deċiżjonijiet fil-passat fejn il-Qorti tal-Appell semgħet appelli minn provvedimenti mogħtija taħt l-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji**, fosthom dik ta' ***Emanuel sive Noel Magri v. Magri & Zammit Holdings Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008, li incidentalment kienet tinvolvi l-istess partijiet f'dawn il-proċeduri iżda fejn ma kinitx ġiet imqanqla l-preġudizzjali tan-nullità tal-appell. B'danakollu minn dik id-deċiżjoni 'l hawn, jiġifieri f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena, kellna ġurisprudenza konsistenti illi dejjem tenniet li ma jeżisti l-ebda jedd ta' appell minn provvediment mogħti taħt l-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji** (ara ***Naico Limited v. Rosa Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 2024, ***Avukat***

***Dottor Pio M. Valletta nomine v. Anita Dange et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023, ***Avukat Dottor Pio M. Valletta nomine v. Jeno Torocsik et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023, ***Suzanne Busuttil et v. Francis Busuttil & Sons Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014, ***Antonia sive Tania Baldacchino et v. Balda Enterprises Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Jannar, 2010 u ***Jonathan Shaw et v. David Alan Shaw et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).

17. Ir-raġuni għal dan ġie msejjes fuq il-prinċipju illi *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*, li maqlub għall-Malti jfisser li fejn riedet il-liġi tkellmet u fejn ma riditx il-liġi baqgħet siekta. Dan hu hekk għaliex fl-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji** ma nsibux dispożizzjoni bħal dik li hemm fl-**Artikolu 401(17) tal-Att dwar il-Kumpaniji** li tagħti dritt ta' appell meta l-provvediment ikun ingħata taħt l-**Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Għalhekk ladarba l-leġislatur ma semma l-ebda jedd ta' appell fl-**Artikolu 402** bħalma hemm fl-**Artikolu 401**, mela allura dan ifisser li fis-skiet tal-liġi ma jistax isir appell minn provvediment mogħti taħt l-**Artikolu 402**.

18. Jista' jkun li forsi hemm lok għal intervent leġislattiv biex jingħata jedd għal appell meta l-provvediment taħt l-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji** jwassal għall-ħlas ta' kumpens (ara ***Miclis Company Limited***

***v. Kevin Fitzpatrick et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023). Iżda sakemm ma jkunx hemm dan il-bdil fil-liġi, il-pożizzjoni għandha tibqa' li ma jista' jsir l-ebda appell minn rimedju mogħti taħt l-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

19. Fil-każ tagħna, l-atturi stess iddikjaraw fir-rikors maħluf tagħhom li huma kienu qegħdin isejsu t-talbiet tagħhom fuq il-bażi tal-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Din il-premessa baqgħet ma nbidlitx matul dawn il-proċeduri lanqas fl-istadju tal-appell, u dan minkejja li s-soċjetajiet intimati kienu tqiegħdu fi stat ta' stralċ wara li nbdew dawn il-proċeduri.

20. Ukoll, għalkemm l-Ewwel Qorti astjeniet mill-ewwel talba biex tiddikjara li l-affarijiet tas-soċjetajiet intimati tmexxew kontra l-interessi tal-atturi, hija xorta waħda spiċċat biex laqgħet parti mit-tieni talba tal-atturi fuq il-bażi tal-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Kif ingħad l-atturi sejsu l-kawża tagħhom biss fuq din id-dispożizzjoni tal-liġi u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħtex tilqa' parti minn din it-tieni talba, jekk mhux taħt l-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

21. Għalhekk billi l-provvediment li dwaru sar dan l-appell ingħata taħt l-**Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji** u billi kif rajna aktar kmieni l-leġislatur ma qalx li jista' jsir appell minn provvediment bħal dan, mela allura dan ifisser illi l-intimati għandhom raġun jgħidu li l-appell tal-atturi

ma jiswiex, u li din il-Qorti hija b'hekk imxekkla milli tqisu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddikjara l-appell tal-atturi bħala wieħed null u għalhekk qiegħda tieqaf milli tqisu iktar.

L-ispejjeż kollha relatati ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-atturi flimkien bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da